MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 287/2013

**Globe Ground Malta Limited (C-31426)**

**Vs**

**Renald Vella (K.I. 413083M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2013, fejn ippremettiet:

Illi l-intimat abbanduna kuntratt ta' mpjieg ghal zmien fiss minghajr raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi u l-ammont pretiz hu kkalkulat skont il-Kap 452.

Ra illi l-konvenut ghalkemm notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda prova.

Ra x-xhieda ta' Joseph Cefai datata 16 t'Ottubru, 2014 a fol 8 tal-process.

Ra l-verbal datat 7 ta' Mejju, 2014 a fol 12 tal-process li bih il-kawza thalliet ghas-Sentenza.

Ra mill-atti li l-konvenut deher fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2013 u ta' ruhu b'notifikat. Dak inhar inghata l-opportunita' jipprezenta risposta f'ghoxrin (20) jum. Illi r-riposta ma gietx prezentata entro t-termini moghtija. Minkejja li ma gie prezentat ebda risposta ghat-talbiet, il-konvenut inghata l-fakolta' li jgib il-provi tieghu sa seduta li jmiss pero' jekk dak inhar ma jidhirx, it-talba tmur ghas-Sentenza. Fit-3 ta' Gunju l-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx. Deher ir-rapprezentat tal-konvenut li 'nforma t-Tribunal li m'ghandux aktar kuntatt mal-konvenut u rrinunzja l-patrocinju tal-istess konvenut. It-Tribunal fl-istess seduta laqa' t-talba li l-kawza tmur ghas-Sentenza.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-seduta ta' nhar is-16 t'Ottubru fejn kien deher rapprezentant tas-Socjeta' attrici li kkonferma illi l-ammont li qed jintalab huwa kkalkulat mid-data fejn temm ix-xoghol il-konvenut ikkalkulat fuq il-*basic pay* u li hija nofs is-somma li kien jaqla' fil-perjodu rimanenti.

It-Tribunal ra li minkejja diversi seduti l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas prova ghall-kontestazzjoni tieghu.

Jaghmel referenza ghall-artikolu 36 (12) tal-Kap 452 Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali tal- Ligijiet ta' Malta li tghid bic-car:

*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-Prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-Prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem.*

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elfejn u sitta u disghin ewro u tnax –il centezmu (€2069.12c) bl-imghaxijiet skont il-ligi u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------